**MINUTI**

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

Is-Seba' Leġislatura

## Laqgħa numru 15

**22 ta' Diċembru 2017**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq Ta' Mulejja fil-5.30pm.

**PREŻENTI:**

Saviour Borg – Sindku
Victor Cefai – Viċi Sindku
Carmel Farrugia – Kunsillier
Horace Micallef - Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 15.1 Qari tal-ittri ta’ Apoloġiji

15.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal-laqgħa u għalhekk ma kienx hemm ittri ta’ Apoloġiji. Is-Sindku Saviour Borg ippresieda l-laqgħa.

### 15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

15.2.1 Is-Sindku għamel referenza għall-punt numru 14.5 fejn talab li ssir emenda minn ‘sebgħhu’ ghal ‘subgħajha’. Is-Sindku talab ukoll li f’punt numru 14.8 għandu jiżdied dak li l-Kunsillier Horace Micallef kien staqsa lis-Segretarja jiġifieri jekk il-Kunsill jiddeċiedi li l-pożizzjoni ssir waħda *full-time* tikkunsidrax il-pożizzjoni tagħha fejn it-tweġiba kienet li iva f’dak il-kas tikkunsidra. Il-membri qablu unanimament li dawn l-emendi jiġu approvati.

### 15.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Mis-Sindku Saviour Borg:

15.3.1 Is-Sindku ppropona li hemm bżonn jinżabar l-*hedge* tal-*playingfield.* Il-Kunsill qabel li nghidu lil Neville Mercieca.

15.3.2 Ġie ffirmat il-kuntratt għax-xiri tas-CCTV *cameras* ma’ l-*‘Extreme Technologies’* li se jitwaħħlu fil-*playingfield.*

15.3.3 Biex jitqiegħed l-*paving blocks* tal-aħħar 40 metru ta’ Triq John Gaspard le Merchant. Żid jgħid li jekk ikun hemm qbil isiru wkoll l-*paving blocks* minn fejn kien hemm żewġ pjanti tal-Yokka fi Triq Alessandro Franchi. Għandu jiġi avviċinat Anthony Muscat li kien waħħal il-Paving Blocks tal-bankina l’fuq mill-uffiċċju tal-Kunsill, peress li huwa jagħmel xogħol tajjeb ħafna u l-Kunsill qabel ma dan.

15.3.4 Tajjeb li tinxtara ż-*Zebra Crossing* u titranġa l-bankina ta’ Triq Kappillan Ħili, hekk kif għamel il-pjanta l-Perit Clayton D’Amato. Hemm bżonn ukoll li jinbidlu x-xtieli li hemm l-isfel mill-Knisja.

15.3.5 Sar il-qtugħ ta’ xi qasab tal-Wied tax-Xlendi mill-ħaddiem tal-Kunsill, kif ukoll daħlet l-applikazzjoni lill-PA dwar il-ħajt tas-sejjieħ ġol-Wied tax-Xlendi. Is-Sindku nforma lill-membri li rċieva miċ-Chairman tal-Awtorita’ tal-Artijiet fejn infurmana li ma jsib l-ebda oġġezzjoni u l-applikazzjoni se tiġi deċiża fit-13 ta’ Frar 2018.

15.3.6 Is-Sindku ppreżenta d-disinn tal-*porfido* għat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku, hekk kif ġie ppreparat mill-Perit Gordon Vella u li llum kellna nirċievu l-istima li tkopri l-materjal kif ukoll it-tqegħid. Din l-istima ġiet ippreżentata mis-Segretarja fejn il-membri qablu li għandna nikkonsultaw mal-Perit sabiex naraw ikunx aħjar li toħroġ sejħa għall-offerta waħda li tkun tkopri kollox jew tnejn separati, dik tal-materjal u oħra għax-xogħol ta' tqegħid.

15.3.7 Saret l-applikazzjoni lill-Eko Għawdex għar-restawr tal-istatwi ta' San Pietru u San Pawl li qegħdin fuq il-Knisja skont 'method statement' u stima mħejjija mill-Perit Edward Scerri u s-Sur Joe Grima.

15.3.8 Is-Sindku semma li fil-laqgħa tas-Sindki ntqal li wieħed jista' jibgħat SMS fid-djar mill-Kumpanija *SMSWarriors* minflok ma jintbagħat avviż fid-djar. Dan iqum biss ftit ċenteżmi għal kull messaġġ u jkun tajjeb jekk wieħed jistaqsi dwarha.

15.3.9 Semma li t-tabella ***'No Entry'*** fi Triq Kappillan G.Ħili ma n-naħa ta' Frank Sacco, ma għadhiex hemm u wisq probabli taret bir-riħ qawwi li għamel f'dawn il-jiem. Filfatt kien se jressaq sabiex jinbidlu l-*istickers* ta' dawn iż-żewġ tabelli. Ġaladarba ma tinstabx trid issir waħda ġdida.

15.3.10 Is-Sindku staqsa jekk hemmx żviluppi dwar it-talba li l-Kunsill kien għamel għall-kaxxa tal-muturi fi Triq il-Kappillan Guzepp Hili. Is-Segretarja ħadet nota sabiex terġa' tkellem lil Transport Malta dwar din it-talba.

15.3.11 Is-Sindku fakkar li s-sena dieħla l-Kunsill se jagħlaq (25) ħamsa u għoxrin sena mit-twaqqif tiegħu u jkun tajjeb jekk nibdew naħsbu minn issa biex nagħtu tifkira lil kull min kien membru fil-Kunsill bejn l-ewwel u s-seba' leġislatura. Ġew imsemmija jew xi medalja, *trophy* tal-ħġieġ jew xi ħaġa li tissimbolizza l-Għejjun bl-arma tal-Kunsill.

15.3.12 Dwar il-monument tal-Vittmi tal-logħob tan-nar, fejn sfortunatament kien hawn tlett traġedji fil-lokalita' tagħna f'Awwissu 1955, Settembru 2010 u Novembru 2012. Is-Sindku semma li kienet tressqet proposta u għaddiet fil-laqgħa sabiex isir disinn u għalhekk kien tkellem mas-Sur Joseph Scerri. Żid jgħid li se jerġa' jkellmu biex jara għadux interessat sabiex dan ikun jista' jsir meta jsir il-*porfido*, tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku. Il-Kunsillier Horace Micallef issuġġerixxa li toħroġ *'expression of interest'.*

15.3.13 Ippropona li ssir ħarġa Malta għall-ftuħ tal-V18 li se ssir fl-20 ta' Jannar. Il-Kunsillier Mercieca staqsa jekk nistgħux nippruvaw li mmorru b'*coach* minn Għawdex stess.

15.3.14 Fl-okkazzjoni ta' Jum il-Fontana saret quddies ta' Radd il-Ħajr fil-knisja parrokjali fl-għeluq tal-24 sena mit-twaqqif tal-Kunsill. Wara sar it-tqegħid ta' kuruna mal-Monument tas-Sajjieda u kxif tal-lapida tal-Innu tal-Fontana mis-Sindku fil-preżenza tal-Viċi-Sindku, Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia, il-

Kappillan u l-Onor Chris Said. Wara saret is-serata soċjo-kulturali fis-Sala tal-Komunita' fejn ħadu sehem, il-*Cordia String Quartet*, Elaine Haber u Audrey Micallef. Saret ukoll il-preżentazzjoni tat-trofew u l-medalja ta' Ġieħ il-Fontana mis-Sindku lil Fr. Marcell Portelli MSSP tal-ħidma missjunarja li wettaq fil-Peru għal dawn l-aħħar 40 sena. Dan ġie ppreżentat lil Fr Bonavia MSSP, peress li Fr Marcell qiegħed il-Peru. Ġiet ippreżentata wkoll il-Medalja ta' Ġieħ il-Fontana lis-Sinjura Margaret Ballucci bħala rikonoxximent għall-ħidma li għamlet mat-tfal tal-Fontana. Għal xi ħin attendiet ukoll il-Ministru għal Għawdex l-Onor Justyne Caruana. Is-serata ntemmet b'riċeviment.

15.3.15 Is-Sindki u l-Kunsilliera Horace Micallef u Mario Mercieca attendew għall-Pontifikal ta' Sant Indrija fl-okkażjoni tal-festa.

15.3.16 Saret ħarġa ta' nofs ta' nhar f'Għawdex għar-residenti tal-Fontana. Saret quddiesa fil-Bażilika tal-Patriċinju fir-raħal tal-Għasri. Wara żorna wirja tal-bizzilla ta' Dr Consiglia Azzopardi fl-Għarb. Il-ħarġa ntemmet bl-ikla ta' nofsinhar fl-ITS il-Qala. Attendew wieħed u tletin (31) persuna fosthom is-Sindku u l-Kunsillier Horace Micallef.

15.3.17 Saret iż-żjara annwali tal-President tar-Repubblika l-Eċċellenza tagħha Marie Louise Coleiro Preca lill-komunita' tal-Fontana. Din l-attivita' saret fis-Sala tal-Komunita' fejn ħadu sehem Annette's Mystic Dancers u Audrey Micallef. Fost l-oħrajn attendew is-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia kif ukoll il-Kappillan. Fl-aħħar tal-attivita' s-Sindku ppreżenta l-għotja ta' €253.50 lill-President b'risq il-*Community Chest Fund*, li nġabru permezz tal-envelope li tqassam fid-djar mill-Kunsill.

15.3.18 Bħas-snin li għaddew sar it-tiżjin tal-Milied f'parti minn Triq il-Għajn, Triq il-Kappillan Ġużepp Ħili u t-toroq John Gaspard le Merchant u Kardinal Alessandro Franchi.

15.3.19 Is-Sindku u l-Kunsillier Horace Micallef attendew għal-laqgħa tas-Sindki, Viċi Sindki u *Minority Leaders* orgnaizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fil-Grand Hotel Mġarr.

15.3.20 Inxtraw żewġ *doggy bins* għat-toroq John Gaspard Le Merchant u Kardinal Alessandro Franchi.

15.3.21 Is-Sindku attenda għal-laqgħat kollha li saru tal-Kumitat Reġjonali għal Għawdex.

15.3.22 Saret ħarġa soċjo-kulturali għar-residenti f'Malta fejn attendew 30 persuna fosthom is-Sindku. Żorna presepju artistiku fil-Għargur tas-Sur Daniel Bezzina kif ukoll żorna l-Mużew tal-Istorja Naturali.

15.3.23 Is-Sindku u s-Segretarja attendew għal laqgħa fil-Ministeru għal Għawdex dwar l-i*speed cameras* f'Għawdex. F'din il-laqgħa ssemma li l-Kunsill tagħna qed jipproponi li ssir waħda fi Triq ix-Xlendi.

15.3.24 Is-Sindku ressaq it-talba sabiex isiru s-sinjali sofor fuq quddiem ir-residenza 'Id-dar' fi Triq il-Qalb ta' Ġesu, peress li meta jsir 'parking' maż-żewġ naħat tat-triq ġie li qed isir ħsara lill-vetturi tas-residenza 'Id-Dar'. Il-Kunsill qabel ma' dan.

## 15.4 Għeluq tal-offerti għal xogħol ta' Tarmak f'parti minn Triq il-Għajn

Is-Segretarja nfurmat lill-membri li l-offerta għax-xogħol ta' Tarmak f'parti minn Triq il-Għajn ingħalqet u għalhekk issa għandna naħtru l-bord tal-evalwazzjoni. Il-bord se jkun magħmul mis-Sindku Saviour Borg, mill-Kunsilliera Victor Cefai u minn Carmel Farrugia kif ukoll mill-Perit Bezzina li għandu jkun maħtur bħala *Chairman*.

## 15.5 Laqgħa tal-Lokalita sabiex jitressqu proposti għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill qabel il-Budget 2018.

Din il-laqgħa ssejħet skont kif jistipula Artiklu 70 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali sabiex il-Kunsill ikun jista jiddiskuti mar-residenti tal-Fontana l-estimi annwali*(budget)* għas-sena 2018. L-ebda resident ma attenda u għaldaqstant ma kienx hemm diskussjoni.

## 15.6 Xogħol ta' Katusa fi Triq John Gaspard Le Merchant.

Is-Segretarja nfurmat lill-membri li tkellmet mal-Perit Johan Camilleri tar-Road Construction dwar il-katusa li kellha bzonn issir fi Triq John Gaspard Le Merchant. L-istess Perit spjega li l-ispiza sabiex issir din il-katusa titla' bejn elfejn u tlett elef ewro u għalhekk is-Segretarja spjegat li minkejja li l-Kunsill kien qabel li din il-katusa titkompla ma setgħatx tagħti l-approvazzjoni għal din l-ispiża mingħajr ma tkun għaddiet mill-Kunsill. Il-Kunsillier Horace Micallef argumenta li ma setgħat qatt issir *gutter* u titħalla nofs xogħol u din kellha titkompla mat-triq u għalhekk joġġezzjona għaliex din kellha ssir max-xogħol tat-triq għaliex fl-opinjoni tiegħu t-triq mhix lesta. Is-Sindku spjega kif kull darba li kien isemmi lill Perit tal-Kuntrattur, kien jgħid lis-Sindku biex ikellem lill-Kuntrattur u meta marru biex isir il-kejl kienet għadha ma saritx. Għalhekk is-Sindku ssuġġerixxa li għandna nħallsu lill-Kuntrattur għal xogħol li għamel u l-Kunsill iqabbad bajjad sabiex issir din il-katusa.

## 15.7 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li huwa meħtieġ

15.7.1 Bdiet taħdem magħna s-Sinjura Maureen Cardona bħala *Community Worker Scheme* fejn din ġiet assenjata sabiex tgħin f'xogħol klerikali kif ukoll kull xogħol ieħor skont il-bżonnijiet tal-Kunsill u dan qablet miegħu s-Sinjura Cardona. Għalhekk intbgħat il-*job description* tal-istess Cardona wara li ġie kkonsultat flimkien magħha.

15.7.2 Inġabru l-istimi u wara li tittieħed il-konsultazzjuni tal-electrician tal-Kunsill, Chris Gauci se jinxtraw l-'*emergency lights'* hekk kif ġie stipulat fir-'*risk assessment'*. Il-membri qablu li dawn għandhom jinxtraw mill-aktar fis.

15.7.3 Is-Segretarja nfurmat lill-membri li ġew ordnati żewġ *'doggy bins'* hekk kif kien ġie deċiż fil-laqgħa preċedenti.

15.7.4 Il-membri ġew infurmati dwar in-notifika ta' pjanti ġodda b'referenza għall-applikazzjoni numru PA/05567/17 kif ukoll dwar id-deċiżjoni ta' *Refusal* hekk kif maħruġa mill-*Planning Authority* għall-istess applikazzjoni.

15.7.5 Talba mil-LESA sabiex tittella' attivita' dwar Sigurta fit-Toroq u l-membri qablu li din issir.

15.7.6 Nkitbu ħames persuni għal kors tal-computers u se nippruvaw li jsiru f'Jannar.

15.7.7 Is-Segretarja ppreżentat stqarrija mill-Kummissjoni Elettorali dwar tibdil fil-formolarju relatati mal-applikazzjoni għall-Vot.

15.7.8 Il-Kuntratt ta' mas-Sound Machine li jkopri s-servizz ta' *'photocopies'* ġie transferred għal kumpanija FGL bl-istess termini u kundizzjonijiet.

15.7.9 Stedina mill-LCA għall-riċeviment tal-Milied li se jsir fit-28ta' Diċembru fil-19.30 fil-Buskett.

15.7.10 Inktibet l-ittra liż-żewġ Kunsilli li wrew l-interess għas-Speed Cameras sabiex naraw jikkunsidrawx li jsir rapport wieħed li jkopri t-tlett kunsilli.

15.7.11 Inqatgħu l-palm infettat mill-ħaddiema tal-Ministeru Għal Għawdex u l-Kunsill bagħat ir-ringrazzjament tiegħu għal din l-għajnuna. Is-Sindku qal li ġew iffrankati madwar 1100Ewro.

15.7.12 Is-Sindku ssospenda l-laqgħa fis-6.10p.m sabiex ġie diskuss it-tweġiba għall-protest ta' Fontana Cottage. Il-laqgħa tkompliet fis-18.20p.m. Il-Kunsill qabel li jiħi ppreżentat il-Qorti l-Kontra Protest ippreparat mill-Avukat tal-Kunsill Dr. JohnPaul Grech.

15.7.13 Ġiet preżentata l-istima ta' *'Formosa Wood and Gypsum works Scaffolding for Hire'*li kien jiswa 235ewro. Il-membri jaqblu li l-injam għandu jkun ta' natura *Eroko* sabiex ikun jiflaħ għal elementi filwaqt li l-bieba tal-*plywood* għandha tkun ta' *Marine Plywood*, peress li l-

injam kien tal-aħmar u l-bieb *'Plywood'* ordinarju. Għalhekk il-membri qablu li għandna nġibu stima oħra.

15.7.14 Is-Segretarja nfurmat lill-membri li kunsilli oħra ser jingħataw fondi mill-Ministeru Għal Għawdex sabiex isiru xi xogħolijiet fit-toroq ta' Għawdex. Il-membri talbu sabiex il-Kunsill jikteb lill-Ministru sabiex inkunu nafu għaliex bħala Kunsill ma ġejniex kkonsultati, speċjalment meta l-kunsill kien ser jagħmel triq li taqa' taħt il-gvern ċentrali.

15.7.15 Saret it-tiswija tal-kanna ħdejn propjeta 'Sardinella' fi Triq l-Isptar San Ġiljan minn Pupull Attard.

15.7.16 Il-membri qablu li l-ikla tal-Milied għandha ssir għand Tmun Mġarr fit-8 ta' Jannar 2018.

15.7.17 Is-Segretarja nfurmat lill-membri li tnaqsset il-*'management fee'* ta' 5% li ammontat għal €58.41 lil kuntrattur tal- 'Bulky refuse', hekk kif jistipula l-kuntratt. Dan għaliex ma kien tnaqqas qatt, jiġifieri minn Settembru 2015 sa' Ġunju 2017.

Mill-Kunsillier Victor Cefai:

Il-Kunsillier ressaq it-talba sabiex isiru s-sinjali sofor fuq in-naħa tax-xellug tal-propjeta ta' George Gauci, bl-isem *'Karista', Triq il-Qalb ta' Ġesu.*

Mill-Kunsillier Horace Micallef:

- Hemm bankina fi Triq il-Kappillan Ħili li għandha bżonn titranġa peress li fiha ħofra. Is-Sindku se jibgħat il-ħaddiem sabiex issir it-tiswija meħtieġa;
- Hemm bżonn isir *patching* fil-parti d-dejqa ta' Triq il-Għajn;
- Il-Kunsillier Micallef ġibed l-attenzjoni sabiex il-ħaddiem tal-Kunsill jilbes l-ilbies neċessarju biex jiġi dejjem assigurat il-*Health and Safety* tal-ħaddiem.
- Għandu jingħata kopja tal-fuljett lill-Kunsilliera kollha qabel ma jiġi pprintjat il-fuljett u għandu jingħata żmien biżżejjed biex wieħed jarah. Il-Kunsillier Mercieca żid jgħid li kien diġa ressaq dan l-ilment f'Ġunju. Is-Sindku rrimarka li l-Iskrivan suppost kellu jibgħatu. Darba oħra se jsir minn kollox sabiex jintbagħat l-*proofing* lil kulħadd qabel ma jsir il-*printing.*

## 15.8 Ilmenti

Il-Kunsill ma rċeviex ilmenti matul dan ix-xahar.

## 15.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Il-pagamenti ġew approvati unanimament u ċ-ċedola ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. Il-pagament tal-KopTaco għandu jinżamm peress li l-ftehim mas-Sindku kien li kellu jkun per capita, u huwa għoli aktar mis-soltu.

Ġiet ippreżentata wkoll il-lista ta' xiri tal-*petty cash* għal matul dan ix-xahar.

## 15.10 Tmiem il-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali intemmet fit-7.30pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis, 25 ta' Jannar 2018 fil-5.00pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Saviour Borg** | **Heidi Grech** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |